**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 34 - IT-TLIETA 9 TA' ĠUNJU 2015**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-19:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Viċi Sindku (waslet fis-19:36) |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier (wasal fit-20:38) |
| | Alexander Agius | Kunsillier (wasal fit-20:03) |
| | Pierre Sciberras | Kunsillier |
| | Maryanne Cuomo | Kunsillier |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużata (imsiefra) | Pauline Miceli | Kunsillier |
| Pubbliku: | Ma kienx hemm preżenza ta' pubbliku. | |

**1. APOLOĠIJI**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-Kunsilliera Miceli kienet tinsab imsiefra fuq proġett tal-LEAP. Kopja tan-notifika annessa f'A. Informa wkoll li l-Kunsillieri Gatt u Agius se jaslu tard għal-laqgħa.

1.2. F'dan il-ħin inġibdet l-attenzjoni, speċjalment fid-dawl ta' kumment li għaddew l-Awdituri, illi peress li xi drabi l-Kunsill jibda l-laqgħa tiegħu tard, u li normalment dan ikun dovut għan-nuqqas ta' *quorum,* is-SE għandu jirreġistra l-ismijiet li jkunu waslu fis-19:30.

**2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

2.1. Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

2.2. Kien hemm qbil l-ewwel linja ta' punt numru 3.2 tal-minuti tiġi taqra "*Is-SE informa li l-Viċi Sindku ġiet avviċinata biex il-Kunsill jidħol fi proġett ta' studju"*.

2.3. Il-minuti ġew approvati kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

2.4. F'dan il-ħin il-Kunsillier Sciberras kellu joħroġ ftit mil-laqgħa minħabba telefonata urġenti. Għalhekk il-Kunsill kellu jieqaf mil-laqgħa minħabba nuqqas ta' *quorum*.

2.5. Il-Kunsill ipproċeda bil-laqgħa hekk kif minuta wara rritorna l-Kunsillier Sciberras.

**3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU U KORRISPONDENZA**

3.1. F'dan il-ħin waslet il-Viċi Sindku. Il-ħin kien is-19:36.

3.2. Il-Kunsillier Sammut staqsa kif kien l-andament tal-ġbir tal-iskart separat peress li inbidlet il-ġurnata tal-ġbir mill-Ħamis għall-Ġimgħa.

3.3. Is-SE informa li r-residenti kienu infurmati billi rappreżentanti tal-GreenPak daru n-Naxxar kollu bieb bieb biex iqassmu fuljett bl-informazzjoni. Jekk ir-residenti ma kienux id-dar, il-fuljett tħalla fil-kaxxa tal-posta. Is-SE kompla jispjega li għall-ewwel darba kien hemm ammont kbir ta' boroż suwed li jfisser li ħafna nies qas taw każ tal-informazzjoni. Għalhekk, għall-ewwel Ġimgħa biss inġabru l-boroż is-suwed ukoll mill-kuntrattur tal-Kunsill fuq ordni tas-SE stess. Dan b'mod partikulari fid-dawl li fin-Naxxar kien hemm id-delegazzjonijiet barranin.

3.4. Is-Sindku rringrazzjat lis-SE, lill-Kunsilliera Cuomo, lis-Sinj. Louise Mallia u l-kumplament tal-Amministrazzjoni għax-xogħol kollu li sar għall-proġett Authentic Europe sabiex id-delegazzjonijiet minn barra kienu soddisfatti mmens.

3.5. Is-Sindku ressqet listi ta' persuni li kienu b'xi mod involuti filwaqt li ssuġġeriet li l-Kunsill jikteb lil persuni u entitajiet kollha, sabiex jirringrazzjahom tal-għajnuna li taw lill-Kunsill, kemm jekk b'xejn kif ukoll jekk intalab xi ħlas, sabiex l-attivitajiet li saru kienu suċċess.

3.6. Is-Sindku kkonkludiet billi kkumentat li għall-futur il-Kunsill għandu jaħdem aktar biex jinvolvi aktar lir-residenti, għaliex xtaqet kieku kien hemm aktar preżenza tar-residenti waqt l-attivitajiet li saru mal-barranin.

3.7. Il-Kunsill kien infurmat mis-SE li teżisti opportunità biex sitt persuni mill-Kunsilli Lokali minn Malta u Għawdex jipparteċipaw fi proġett tal-AKL taħt il-programm Europe for Citizens. Dan se jinvolvi laqgħat fl-Awstrija f'Settembru li ġej. It-tema tal-proġett huwa t-tibdil fil-klima. Is-SE kien bagħat jinforma b'dan permezz ta' email lill-Kunsilliera kollha biex jibgħatulu l-interess tagħhom li jieħdu sehem f'dan il-proġett. Għal dan il-għan kien hemm qbil titella' lista bil-polza ta' dawk kollha interessati.

3.8. F'dan il-ħin il-Kunsill iddeċieda li jiġi diskuss punt numru 8 fuq l-Aġenda.

## 4. PROMOZZJONI FIL-KARIGI TA' MEMBRI TAL-AMMINISTRAZZJONI

4.1. Is-Sindku infurmat li hemm membri fl-amministrazzjoni li ħafna drabi jkunu qed jagħmlu xogħol ogħla mill-grad tagħhom u li għalhekk temmen li l-Kunsill għandu jibda l-proċess ta' promozzjoni fil-grad tagħhom. Hija kienet qed tirreferi b'mod partikulari għal dawk fuq skala 14.

4.2. Il-Kunsill qabel.

4.3. F'dan il-ħin il-Kunsill iddeċieda li jiġi diskuss punt numru 10 fuq l-Aġenda.

## 5. L-OFFERTI GĦALL-MOBILE APPLICATION

5.1. Is-Sindku fakkret lill-Kunsill fil-proġett tal-*mobile application*, li għaliha l-Kunsill kien ħareġ sejħa għall-offerti. Fakkret ukoll li l-unika offerta kienet ta' €227,000 (inkluż il-VAT), li jaqbeż l-ammont allokat għall-proġett ta' €144,000 (eskluż il-VAT). Infurmat li kienet ingħatat indikazzjoni li jkun hemm il-possibiltà li l-baġit jiżdied b'10%, però il-bqija tal-ispejjeż ikun irid joħroġhom il-Kunsill.

5.2. Is-Sindku kompliet billi infurmat li jekk il-proġett ma jkunx lest sal-15 ta' Awwissu, il-fondi ma jingħatawx u l-Kunsill ikollu jħallas is-somma totali waħdu.

5.3. Is-SE informa li, wara li kienet waslet l-informazzjoni li spjegat is-Sindku, verbalment ingħata x'jifhem li hemm il-possibiltà li jingħataw il-fondi kollha, kif ukoll li tingħata estensjoni tad-*deadline* tal-proġett, però m'għandu xejn bil-miktub.

Ikkonsulta mal-MAGF u qalulu li l-aħjar ħaġa tkun li l-Kunsill ilesti l-aġġudikazzjoni mill-aktar fis, sabiex ikun kollox lest jekk il-Kunsill jingħata l-ordni biex jipproċedi.

5.4. Is-Sindku sostniet li jekk il-Kunsill ikun irid iħallas xi flus l-aħjar ħaġa tkun li ma jitkompliex il-proġett, però jekk il-flus jingħataw kollha u tingħata ukoll estensjoni tad-*deadline* talbet lill-Kunsill biex tkun tista' tieħu deċiżjoni mingħajr ma jkun hemm laqgħa tal-Kunsill, biex ovvjament ma jkunx hemm telf ta' żmien.

5.5. Kien hemm il-qbil li jitlaqqa' s-sottokumitat tal-finanzi biex jieħu deċiżjoni dwar l-aġġudikazzjoni tal-proġett, liema deċiżjoni tkun approvata mill-Kunsill awtomatikament. Kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill iqabbad persuna teknika biex jgħin fl-aġġudikazzjoni.

5.6. F'dan il-ħin il-Kunsill iddeċieda li jiġi diskuss punt numru 5 fuq l-Aġenda.

## 6. RAPPORTI MINN SOTTOKUMITATI

6.1. Is-Sindku semmiet li s-Sottokumitat ta' San Pawl tat-Tarġa ilmenta dwar iż-żona ħdejn Triq V. Boron, ħdejn il-mekkanik, li tinsab fi stat ħażin.

6.2. F'dan il-ħin wasal il-Kunsillier Agius. Il-ħin kien t-20:03.

6.3. Is-Sindku infurmat li l-Kunsill għadu qed jistenna l-approvazzjoni ta' applikazzjoni għal *one way* fil-parti ta' wara ta' Triq V. Boron. Semmiet ukoll li hemm xi tabelli tal-ismijiet tat-toroq li għadhom iridu jitwaħħlu fil-post.

6.4. Is-Sindku staqsiet lill-Kunsillier Galea jekk kellux risposta mill-komunikazzjoni mal-Ministru tat-Trasport. Huwa informa li għad m'għandux risposta u li se jerġa jkellem lill-Ministru.

## 7. ĦLAS TA' KONTIJIET, RENDIKONTI FINANZJARI U INFIQ

7.1. Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti kif annessa f'B.

7.2. Il-Kunsill approva ukoll il-listi ta' dħul u infiq, kif annessi f'Ċ u D rispettivament.

7.3. Is-SE informa li l-Kunsill għandu *PA system* li juża waqt attivitajiet u konferenzi, u ma' din is-sistema hemm mikrofonu wieħed bil-wajer. Dan xi kultant ma jkunx konvenjenti, kif ġara waqt il-laqgħat tal-Authentic Europe Network. Għalhekk talab xi kowtazzjonijiet għal mikrofonu li jkun bla wajer. Il-prezz għal dan it-tip ta' mikrofonu huwa €239. Il-Kunsill qabel li għandu jinxtara mikrofonu kif suġġerit.

7.4. Is-SE fakkar ukoll li se jsir il-konkos mar-rampa ta' ma ġenb il-Knisja, u sabiex jissalvagwardja n-nies li jkunu se jaqsmu, ssuġġerixxa li jsiru *bollards* li jkunu jistgħu jinqalgħu meta r-rampa ma tkunx qed tintuża għat-traffiku. Il-prezz ta' dawn il-*bollards* huwa ta' €236 kull waħda. Il-Kunsill qabel li għandhom isiru żewġ *bollards*.

7.5. Il-Kunsillier Sciberras ġibed l-attenzjoni li skont l-opinjoni tiegħu xogħol tat-tarmak li sar madwar tappiera fil-ġenb tal-Knisja ma sarx tajjeb. Is-SE informa li se jiġbed l-attenzjoni tal-Perit tal-Kunsill.

7.6. Is-SE informa li fi Triq il-Għargħur, fil-limiti tan-Naxxar hemm ammont ta ġebel li donnu tħalla hemm wara li ttella' ħajt. Dan il-ġebel jinsab fuq il-bankina u għalhekk il-Kunsill irid ineħħieħ la darba ma jistax jiddetermina min ħallih hemm. Kwotazzjoni mingħand kuntrattur privat biex ineħħi dan il-ġebel kienet ta' €400. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li jara kemm jikkwotaw il-ħaddiema tal-Kunsill biex isir dan ix-xogħol wara l-ħin tax-xogħol tagħhom, u jmexxi bl-irħas offerta.

7.7. Il-Viċi Sindku ġibdet l-attenzjoni ta' ċint li qed jaqa' fit-telgħa tal-Għaqba.

## 8. L-ITTRA TA' DIREZZJONI TAL-AWDITURI

8.1. Is-SE ippreżenta l-ittra ta' direzzjoni tal-awdituri li kienet intbagħatet qabel il-laqgħa lill-Kunsillier kollha.

8.2. Is-SE ippreżenta wkoll abbozz tar-risposta lill-Awdituri li l-Kunsill qabel li għandha tintbagħat kif suġġerit.

## 9. MOZZJONI DWAR IL-KUMITAT TAL-ILMENTI

9.1. Il-Kunsillier Galea ippreżenta mozzjoni kif annessa f'E. Issekonda l-Kunsillier Agius.

9.2. Is-Sindku sostniet li l-kumitat għandu jiltaqa' b'mod aktar regolari u għandu jkun aktar kommess li jiltaqa'. Issuġġeriet li anke jekk ikunu 2 membri biss li jkunu jistgħu, għandhom jiltaqgħu xorta waħda.

9.3. Wara diskussjoni, kien hemm qbil li jibqa' jiltaqa' l-kumitat, u ġiet iffissata laqgħa għal nhar il-Ġimgħa 19 ta' Ġunju fis-14:00. Għaldaqstant il-mozzjoni m'għaddietx.

## 10. PROPOSTA BIEX TINKESA TRIQ J. HOWARD

10.1. Il-Viċi Sindku infurmat li ġiet avviċinata mir-residenti ta' Triq J. Howard sabiex din tinkesa. It-triq kienet għamlet żmien fi prijorità għolja tant li x-xogħol kien oriġinalment ordnat però, minħabba xi xogħlijiet ta' kostruzzjoni, kienet saret biss il-parti li ddur u l-kumplament ġie pospost.

10.2. F'dan il-ħin wasal il-Kunsillier Gatt.

10.3. Wara diskussjoni kien hemm il-qbil li din għandha titpoġġa fil-lista ta' toroq li jridu jsiru iżda ma kienx hemm qbil li għandha tibqa' fuq nett tal-prijoritajiet minħabba li maż-żmien toroq oħrajn aktar frekwentati ġarrbu aktar ħsarat u spiċċaw telgħu 'il fuq fil-"lista" ta' prijoritajiet.

## 11. ĠBIR TA' MATERJAL TAL-BINI MAL-ĠBIR TA' SKART GOFF

11.1. Is-SE informa li l-kuntrattur tal-ġbir ta' skart goff kien ġibed l-attenzjoni għall-fatt li qed jintalab jiġbor skart li jikkonsisti f'materjal tal-bini/ġebel u li dan ma jkunx jista' jintrema b'mod separat bil-konsegwenza li jiswih ħafna flus biex jiddisponi minnu. Il-kuntratt teknikament ma kienx jaħseb għal din l-eventwalità u għalhekk talab li jkun hemm rimedju.

11.2. Wara diskussjoni kien hemm qbil illi s-SE jitkellem mal-kuntrattur biex jara jekk hux lest li jarma miżien fuq il-vann, sabiex il-Kunsill ikun jista joffri dan is-servizz b'rata skont il-piz, liema rata tiġi maqbula mal-Kunsill.

## 12. TMIEM IL-LAQGĦA

12.1. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 14 ta' Lulju 2015.

12.2. Il-laqgħa intemmet fid-21:08.

| | |
|---|---|
| **MARIA F. DEGUARA *MD,MMCFD*** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |

**A**



Gmail by Google

**Paul Gatt <[redacted]>**

## Laqgha tal-Kunsill numru 34 - It-Tlieta 9 ta' Gunju

**Pauline Miceli** <[redacted]> 8 June 2015 at 11:52
To: Paul Gatt <[redacted]>

Ghaziz Sur Segretarju,

Ghada nitolbok tiskuzani mill-laqgha ghax se nkun l-Irlanda fuq l-istudy visit tal-Leap fejn qed nirrapprezenta lill-Kunsill.

Hajr u tislijiet
Pauline
[Quoted text hidden]

**B**

Kunsill Lokali: In-Naxxar

Skeda Nru. Laqgha 34

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: Mit-30 ta' April 2015 sat-3 ta' Gunju 2015**

| | Fornitur | Ammont tal- Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Adi Associates Ltd | €255.72 | €88.27 | T | PF | Review of planning applications - Apr 15 less credit note | 30/04/2015 | 1547 | n/a | n/a | 3130 | |
| 2 | AMJ Legal | €177.00 | €177.00 | T | PF | Retainer fees - Apr 15 | 01/05/2015 | 60 of 2015 | n/a | n/a | 3140 | |
| 3 | Anton Zarb | €929.84 | €929.84 | D | PF | 2 litter bins | 23/01/2015 | AZ 07-15 | 5068 | 5068 | 2316 | |
| 4 | Archway Ironmongery | €27.85 | €27.85 | D | PF | Silicone, bulb, keys. | 03/03/2015 | 37513 | 5115 | 5115 | 2210 | |
| 5 | Arms Ltd | €2,215.54 | €2,215.54 | D | PF | Electricity & water consumption bill for the Naxxar Council offices [24/12/2014 till 19/3/2015] | 06/05/2015 | 20312027 | n/a | n/a | 2130 | 18701 |
| 6 | Bitmac Works Ltd | €22.72 | €22.72 | K | PF | Instant road repair | 08/05/2015 | 116646 | 5163a | 5163a | 2311 | |
| 7 | Bitmac Works Ltd | €45.50 | €45.50 | K | PF | Instant road repair | 19/05/2015 | 116981 | 5189 | 5189 | 2311 | |
| 8 | C-Planet IT Solutions | €21.24 | €21.24 | D | PF | Install & setup of wireless on reception pc | 08/04/2015 | 456 | 5145a | 5145a | 3110 | |
| 9 | C-Planet IT Solutions | €8.76 | €8.76 | D | PF | tP-link tl-wn725n 150mPS w/less O | 08/04/2015 | 458 | 5145a | 5145a | 3110 | |
| 10 | C-Planet IT Solutions | €21.24 | €21.24 | D | PF | Problem solving with email / indexing | 06/05/2015 | 470 | 5145a | 5145a | 3110 | |
| 11 | Calleja Ltd | €41.98 | €41.98 | D | PF | Bulbs for Pjazza Vittorja | 19/05/2015 | 70025151 | 5186 | 5186 | 2310 | |
| 12 | Camron Garage | €77.88 | €77.88 | D | PF | Transport service - Apr 15 [Kreanza] | 07/05/2015 | 127 | 5052c | 5052c | 2720 | |
| 13 | Camron Garage | €103.84 | €103.84 | D | PF | Transport service - May 15 [Kreanza] | 29/05/2015 | 129 | 5052c | 5052c | 2720 | |
| 14 | Carini Stores Ltd | €273.50 | €246.20 | D | PF | Shower cubicle & corner soap holder less 10% discount | 06/05/2015 | 8665 | 5173 | 5173 | 2375 | |
| 15 | Carmen Micallef | €250.00 | €250.00 | D | PF | Aerobics Class 1/2015 for Nxr Feb till Apr 15 | 22/04/2015 | Nxr 1/15 | n/a | n/a | 3381 | |
| 16 | Cash | €17.25 | €17.25 | D | PF | Petty Cash - end of Apr 2015 | n/a | n/a | n/a | n/a | 3410 | 18676 |
| 17 | Central Asphalt Ltd | €23.60 | €23.60 | D | PF | Kerb for Triq l-Imraden | 05/05/2015 | 53329 | 5169 | 5169 | 2314 | |
| 18 | Charlie Mifsud | €6,175.00 | €6,175.00 | T | PF | Weed cutting of non urban roads - Jan till Apr 15 | 08/05/2015 | 1129 | n/a | n/a | 3052 | |
| 19 | Charlie Mifsud | €318.60 | €318.60 | D | PF | Frott u haxix ghal Middle School Naxxar "Health Week" | 11/05/2015 | 1130 | n/a | n/a | 3370 | |
| 20 | Christian Galea | €5,541.66 | €5,541.66 | T | PF | Street sweeping - Apr 15 | 03/05/2015 | 20 | n/a | n/a | 3051 | |
| 21 | Clinton Borg | €60.00 | €60.00 | D | PF | Tile laying works for Staff toilets | 01/05/2015 | 6636869 | 5166a | 5166a | 2375 | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 22 | Clint Muscat | €140.00 | €140.00 | D | PF | Hire of cherry picker for work done in Pjazza Vittorja (tizbigh tal-pilandri) | 21/05/2015 | 9312546 | 5194a | 5194a | 2310 | |
| 23 | Commissioner of Inland Revenue | €2,673.42 | €2,673.42 | D | PF | FSS + NI - Apr 15 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1500 | 18716 |
| 24 | Commissioner of Inland Revenue | €2,526.24 | €2,526.24 | D | PF | FSS + NI - May 15 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1500 | 18730 |
| 25 | Complete Supplies Ltd | €354.00 | €354.00 | D | PF | A4 plain paper for office use | 07/05/2015 | 222512 | 5176 | 5176 | 2620 | |
| 26 | Datatrak IT Services | €13.44 | €13.44 | D | PF | 1 pre regional ticket paid in Apr 15 | 30/04/2015 | 1011112 | n/a | n/a | 3610 | |
| 27 | Department of Information | €9.32 | €9.32 | D | PF | Advert on Govt Gazette re. Authentic Europe Event | n/a | n/a | 5175 | 5175 | 2940 | 18700 |
| 28 | Department of Information | €9.32 | €9.32 | D | PF | Advert on Govt Gazette re. Naxxar Lions bbq activity | n/a | n/a | 5184 | 5184 | 2940 | 18712 |
| 29 | Department of Information | €9.32 | €9.32 | D | PF | Advert on Govt Gazette re. Springfest by Naxxar Primary School | n/a | n/a | 5185 | 5185 | 2940 | 18718 |
| 30 | Department of Information | €9.32 | €9.32 | D | PF | Advert on Govt Gazette dated 22/05/2015 re. opening of tenders | n/a | n/a | 5188 | 5188 | 2940 | 18719 |
| 31 | Dimbros Ltd | €510.55 | €510.55 | K | PF | Bulky refuse collection - Apr 15 | 01/05/2015 | 885 | n/a | n/a | 3042 | |
| 32 | Environmental Landscapes Consortium Ltd | €3,047.92 | €3,047.92 | T | PF | Garden maintenance - Apr 15 | 30/04/2015 | 12890 | n/a | n/a | 3061 | |
| 33 | G4S Security Services Ltd | €371.70 | €371.70 | D | PF | Cash collection service - Apr 15 | 30/04/2015 | GS012254 | n/a | n/a | 3190 | |
| 34 | Galea Curmi Engineering Consultants | €272.54 | €272.54 | T | PF | Contract manager fee - Apr 15 | 30/04/2015 | 2702 | n/a | n/a | 3130 | |
| 35 | Go plc | €15.58 | €15.58 | D | PF | Rental charge - May 15 (21417224) | 05/05/2015 | 43040988 | n/a | n/a | 2160 | 18695 |
| 36 | Go plc | €15.58 | €15.58 | D | PF | Rental charge - May 15 (21416363) | 05/05/2015 | 43041066 | n/a | n/a | 2160 | 18696 |
| 37 | Go plc | €112.27 | €112.27 | D | PF | Rental charge - May 15 (21416341) & usage - Apr 15 | 05/05/2015 | 43041062 | n/a | n/a | 2160 | 18697 |
| 38 | Government Property Department | €250.00 | €250.00 | D | PF | Land rent re. Mithna k/a Tal-Ghaqba [08/05/2015 till 07/05/2016] | 04/05/2015 | 1370372 | n/a | n/a | 2400 | 18699 |
| 39 | Grace Camilleri | €170.82 | €170.82 | D | PF | Naxxar Branch librarian services - Apr 15 | 04/05/2015 | Nxr Apr 15 | n/a | n/a | 2995 | |
| 40 | Image Systems Ltd | €109.52 | €109.52 | D | PF | Ink for office photocopier - Mar 15 | 31/03/2015 | FSMA/113826 | n/a | n/a | 2670 | |
| 41 | Image Systems Ltd | €163.28 | €163.28 | D | PF | Ink for office photocopier - Apr 15 | 30/04/2015 | FSMA/114754 | n/a | n/a | 2670 | |
| 42 | Impressions Ltd | €42.01 | €42.01 | D | PF | Printing of 100 Authentic Europe Network A3 posters | 22/05/2015 | 53118 | 5195 | 5195 | 2960 | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 43 | Interactive Services Ltd | €120.00 | €120.00 | D | PF | Refundable guarantee for placing machinery in Triq il-Lampara | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 18673 |
| 44 | J&S Store | €129.61 | €129.61 | D | PF | Tees, liquid soap, clips, bulb, tape, etc | 24/04/2015 | 7449 | 5161, 5162, 5165 & 5166 | 5161, 5162, 5165 & 5166 | 2210 | |
| 45 | J&S Store | €234.79 | €234.79 | D | PF | Katnazz, bulb, box of screws, filler, etc. | 28/04/2015 | 7553 | 5165, 5166, 5170, 5174, 5178 & 5181 | 5165, 5166, 5170, 5174, 5178 & 5181 | 2210 | |
| 46 | Jesmond Micallef | €110.00 | €110.00 | D | PF | Refundable guarantee for placing machinery in Triq is-Salib | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 18729 |
| 47 | Joseph Sammut | €120.00 | €120.00 | D | PF | Refundable guarantee for placing machinery in Triq il-Gnien | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 18727 |
| 48 | Jurgen Attard | €1,518.00 | €1,518.00 | T | PF | Handyman service - Apr 15 | 30/04/2015 | Apr-15 | n/a | n/a | 3125 | 18710 |
| 49 | Jurgen Attard | €294.50 | €294.50 | T | PF | Football ground warden - May 15 | 31/05/2015 | 158741 | n/a | n/a | 3191 | |
| 50 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €50.54 | €50.54 | K | PF | Cul de sac sign, zebra crossing sign, brackits & pole | 24/04/2015 | 20724 | 5133 | 5133 | 2313 | |
| 51 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €82.08 | €82.08 | K | PF | 2 Keep to the Left signs | 24/04/2015 | 20726 | 5131 | 5131 | 2313 | |
| 52 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €16.63 | €16.63 | K | PF | Street Name - Triq Edward Pirotta | 24/04/2015 | 20727 | 5157 | 5157 | 2313 | |
| 53 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €30.40 | €30.40 | K | PF | 2 arrow signs, brackits & pvc sign for the garden at BIC | 29/04/2015 | 20838 | 5163b | 5163b | 2313 | |
| 54 | Leo's Garage Paramount | €240.96 | €240.96 | K | PF | Transport service for the elderly - Mar 15 | 31/03/2015 | 10001361 | 5116 | 5116 | 2720 | |
| 55 | Maria Deguara | €705.04 | €705.04 | D | PF | Mayor's allowance - Apr 15 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1100 | n/a |
| 56 | Maria Deguara | €705.04 | €705.04 | D | PF | Mayor's allowance - May 15 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1100 | n/a |
| 57 | Melita plc | €108.44 | €108.44 | D | PF | Internet Fibre Power - May 15 & telephony usage - Apr 15 | 01/05/2015 | 101293565 | n/a | n/a | 2160 | 18692 |
| 58 | MITA | €833.69 | €833.69 | D | PF | Provision, maintenance & support of wide area connectivity Jan - Jun 15 | 18/05/2015 | 31994 | n/a | n/a | 3110 | |
| 59 | MITA | €44.71 | €44.71 | D | PF | E-mail a/cs for the period Jan - Mar 15 | 25/05/2015 | 32090 | n/a | n/a | 3110 | |
| 60 | Ozosystem Ltd | €447.53 | €423.74 | T | PF | Civic Centre Cleaning - Apr 15 | 30/04/2015 | 29187 | n/a | n/a | 3055 | |

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 61 | Paul Gatt | €20.99 | €20.99 | D | PF | Re-imbursement for the use of personal vehicle for Council business - Apr 15 | 01/05/2015 | Nxr 4/15 | n/a | n/a | 2750 | |
| 62 | Permanent Secretary Ministry of Justice | €45.00 | €45.00 | D | PF | Advert on TMI dated 06/05/2015 - travelling tickets to Bulgaria Jul 15 Project Authentic Europe | 04/05/2015 | n/a | 5167a | 5167a | 2940 | 18724 |
| 63 | Permanent Secretary Ministry of Justice | €105.00 | €105.00 | D | PF | Advert on TMI dated 20/05/2015 - opening of tenders | 19/05/2015 | n/a | 5187 | 5187 | 2940 | 18725 |
| 64 | R&G Hardware | €11.20 | €11.20 | D | PF | Washers for the shower of the Staff Toilets | 04/04/2015 | 37961 | 5143b | 5143b | 2375 | |
| 65 | Remi Armeni | €64.90 | €64.90 | D | PF | Changing of thermostat & labour on fridge | 01/06/2015 | 23 | 5196 | 5196 | 2375 | |
| 66 | Richie's Ironmongery | €67.42 | €67.42 | D | PF | 3 core x 1.50mm, rccb 2p 40A 100ma AC 2m, etc | 28/05/2015 | 5500aa | 5198 | 5198 | 2210 | |
| 67 | S&S Bathrooms Ltd | €25.00 | €25.00 | D | PF | Tiles - Tesany Blanco Brillante for Staff Toilets | 30/04/2015 | 11075 | 5164 | 5164 | 2375 | |
| 68 | Sandro Caruana | €466.29 | €466.29 | T | PF | Cleaning of Public Convenience - Apr 15 | 30/04/2015 | Nxr_Apr 15 | n/a | n/a | 3053 | |
| 69 | Sandro Caruana | €466.29 | €466.29 | T | PF | Cleaning of Public Convenience - May 15 | 30/05/2015 | Nxr_May 15 | n/a | n/a | 3053 | |
| 70 | Saviour Farrugia | €230.00 | €230.00 | D | PF | Refundable guarantee for placing machinery in Triq l-Ingilterra | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 18726 |
| 71 | Smsmondial Ltd | €2,950.00 | €2,950.00 | K | PF | Tickets to Bulgaria for Jul 15 Project Authentic Europe | 29/05/2015 | 70040550 | 5193 | 5193 | 2810 | |
| 72 | Spiral Design | €94.40 | €94.40 | D | PF | Supply of print incl. lamination mounted on 5mm PVC with the edges wrapped for Gnien Santa Marija tal-Angli "BIC" | 28/05/2015 | 3127 | 5199 | 5199 | 2310 | |
| 73 | Staff Wages | €7,860.64 | €7,860.64 | D | PF | Staff wages - Apr 15 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1200 | n/a |
| 74 | Staff Wages | €7,556.16 | €7,556.16 | D | PF | Staff wages - May 15 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1200 | n/a |
| 75 | Stefan Agius | €110.00 | €110.00 | D | PF | Refundable guarantee for placing machinery in Triq Castro | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 18728 |
| 76 | Vicky Fenech | €110.00 | €110.00 | D | PF | Refundable guarantee for placing scaffolding in Triq il-Kappella ta' Santa Marija | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 18674 |
| 77 | Victor Mula | €1,518.00 | €1,518.00 | T | PF | Handyman service - Apr 15 | 30/04/2015 | Apr-15 | n/a | n/a | 3125 | 18709 |
| 78 | Vodafone MT | €113.61 | €113.61 | D | PF | Telephony monthly bill - 79404014 - Apr 15 | 01/05/2015 | 4640817052015 | n/a | n/a | 2160 | 18698 |
| 79 | Vodafone MT | €103.99 | €103.99 | D | PF | Telephony monthly bill - Apr 15 (99370990) | 01/05/2015 | 4645033052015 | n/a | n/a | 2160 | 18707 |
| 80 | WasteServ Malta Ltd | €4,453.29 | €2,513.71 | T | PF | Allocated msw waste - Apr 15 (1st half) | 02/05/2015 | 57064 | n/a | n/a | 3040 | |
| 81 | WasteServ Malta Ltd | €4,925.82 | €2,513.71 | T | PF | Allocated msw waste - Apr 15 (2nd half) | 15/05/2015 | 57447 | n/a | n/a | 3040 | |
| | | **€64,524.83** | **€59,954.60** | | | | | | | | | |

Ċ

**Income list for the month of May 2015** **01/06/2015**

| Code | Description | Amount |
|---|---|---|
| 0020 | Commercial/directional signs | €93.16 |
| 0021 | Community services inc. Courses, Aerobics, outings etc | €181.50 |
| 0025 | Skip Permit | €161.28 |
| 0026 | Crane Permit | €1,152.51 |
| 0027 | Kiosk Permit | €25.29 |
| 0028 | Outside Activity Permit | €25.65 |
| 0030 | Deposit of Material, scaffolding etc | €55.92 |
| 0031 | Hire of Council Hall | €93.18 |
| 0067 | Documents/Information charges (inc. Parking clocks, photos etc) | €186.16 |
| 0121 | Advertising | €135.11 |
| 0125 | Trenching permits | €11.65 |
| 0200 | Debtors | €1,199.69 |
| 4006 | Contractors guarantees | €1,150.00 |
| | **TOTAL** | **€4,471.10** |

| | | |
|---|---|---|
| **Receipts** | From | 14509 |
| | To | 14766 |

**D**

**Purchase Order list for the month of May 2015** **01/06/2015**

| Date | P.O. No. | Supplier | Items | Cost € |
|---|---|---|---|---|
| 04/05/2015 | 5167 | Floreal | Flowers for conference - meeting dated 5/5/2015 | €20.00 |
| 04/05/2015 | 5167a | DLG | Advert - TMI 6/5/2015 - call for quotations | €45.00 |
| 05/05/2015 | 5168 | Peter Camilleri & Son Ltd | Material for Library Shelves | €503.33 |
| 05/05/2015 | 5169 | Central Asphalt Ltd. | Kurduna baxxa mil-lixxa 5mtr ghal Triq l-Imraden, quddiem il-Hair Saloon ta' Jonathan Bonnici | €23.60 |
| 05/05/2015 | 5170 | J&S Store | Sigma paint, Brolac paint, water paint brush, etc | €27.07 |
| 05/05/2015 | 5171 | Leo's Garage Paramount | Transport service for May 2015 Cultural Tour BIC | Cancelled |
| 06/05/2015 | 5172 | Floreal | Flowers for Council meeting 34 dated 09/06/2015 | €20.00 |
| 06/05/2015 | 5173 | Carini Stores | Shower cubical & shelf for hand soup | €273.50 |
| 06/05/2015 | 5174 | J&S Store | Silicone white & 2 hangers | €9.49 |
| 06/05/2015 | 5175 | DOI | advert on Govt Gazette | €9.32 |
| 07/05/2015 | 5176 | Complete Supplies | A4 gsm 80 paper | €354.00 |
| 07/05/2015 | 5177 | DEX Ltd. | 2 filing cabinets | €513.60 |
| 11/05/2015 | 5178 | J&S Store | White cement, sleeves, stop cock, thinner | €20.90 |
| 12/05/2015 | 5179 | Intersteel & Fence Ltd | Soil surface to be broken up & levelled. Spreading out, level and compact with stone chippings (3/8ths) to the correct levels. | €1,164.00 |
| 12/05/2015 | 5180 | Intersteel & Fence Ltd | As per quote 08/2014 - supply and installation of synthetic turf measuring 13.3m by 5.8m | €1,950.00 |
| 14/05/2015 | 5181 | J&S Store | 19 LED bulbs & bolts | €154.20 |
| 18/05/2015 | 5182 | Paul Curmi Dance Co. Ltd | Live dance performance during an open air event dated 5/6/2015 at Pjazza Vittorja | €194.70 |
| 18/05/2015 | 5183 | Koptasin Ltd | 2 no stopping signs c/w poles, brackits & arrows | €70.49 |
| 18/05/2015 | 5184 | DOI | advert re naxxar lions bbq - 23-5-15 | €9.32 |
| 19/05/2015 | 5185 | DOI | advert re Springfest of Naxaxr Primary school 7-6-2015 | €9.32 |
| 19/05/2015 | 5186 | Calleja & Sons Ltd | Energy saver bulbs - Pjazza Vittorja | €42.00 |
| 19/05/2015 | 5187 | DLG | Advert on TMI re opening of tenders | €105.00 |
| 19/05/2015 | 5188 | DOI | Advert on Govt Gazette re opening of tenders | €9.32 |
| 19/05/2015 | 5189 | Bitmac Works Ltd | Instant road repair | €45.55 |
| 19/05/2015 | 5190 | J&S Store | Ramel, brushes, spray, etc | €82.62 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 21/05/2015 | 5191 | Leo's Garage Paramount | Transport service for the foreign delegation in Jun 15 | €495.60 |
| 21/05/2015 | 5192 | J&S Store | Wire brush, pkt bags, emerald green | €20.63 |
| 21/05/2015 | 5193 | SMS Mondial | Travelling to Strumyani, Bulgaria and transfers | €3,550.00 |
| 21/05/2015 | 5194 | J&S Store | White cement, thinner ltr, kartun, etc | €17.32 |
| 21/05/2015 | 5194a | Clint Muscat | Hire of cherry picker (tizbigh tal-pilandri tal-pjazza) | €140.00 |
| 22/05/2015 | 5195 | Impressions Ltd. | Printing of posters of Project Authentic Europe | €47.20 |
| 27/05/2015 | 5196 | Remi Armeni | Changing of thermostat & labour on the fridge at Naxxar Council offices | €64.90 |
| 27/05/2015 | 5197 | J&S Store | Thinner, eggshell black, brush, masking tape, spek float | €41.63 |
| 28/05/2015 | 5198 | Richie's Ironmongery | 3 core x 1.50mm, rccb 2p 40A 100ma AC 2m, etc | €67.42 |
| 28/05/2015 | 5199 | Spiral Design Ltd | Supply of print incl. lamination mounted on 5mm PVC with the edges wrapped for Gnien Santa Marija tal-Angli "BIC" | €94.40 |
| | | | **Total** | **€10,195.43** |

# E

<u>Mozzjoni:</u>

Minhabba li s-sotto kumitat li twaqqaf apposta biex jiehu hsieb l-ilmenti ilu ma jiltaqa u mhux ihalli l-frott li kien mistenni minnu qed nissugerixxi li da nil-kumitat jigi xolt. Minn flok dan il-kumitat jigi allokat hin fiss (ta' mhux aktar minn siegha) waqt il-laqghat tal-kunsill, sabiex b'hekk:

1. L-ilmenti jkunu qed jigu segwiti mill-kunsilliera lokali
2. L-ilmenti jkunu qed jigu indirizzati mhux inqas minn xahar wara li jkunu waslu ghand il-kunsill

Proponent:
Clifford Galea

Sekondant:
Alexander Agius